# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 393/2020/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Mohammed Tajeb Adam**
*Omissis*

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba kontra l-appellant **Mohammed Tajeb Adam**, iben Tajeb Adam u Cenab Hassan, imwieled fl-1 ta' Jannar 1997 ġewwa s-Sudan, detentur tan-Numru tal-Pulizija 18L-055, u *Omissis* akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

[1] *A fol.* 57A *et seq.*.

1. fit-13 ta' Awwissu 2020 għall-habta ta' bejn 00:00hrs u 01:00hrs ta' filgħodu ġewwa Triq Derby, Marsa kkommettew serq ta' oġġetti u dokumenti minn fuq il-persuna ta' Keita Fako, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-ħin;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarrestaw lill-ħati, arrestaw, żammew, jew issekwestraw lil Keita Fako kontra l-volonta' tiegħu u dan bi ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeg oħra u/jew biex ikun imġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejġu;

3. fit-13 ta' Awwissu 2020, bejn 00:00hrs u 01:00hrs ta' filgħodu ġewwa Triq Belt il-Ħażna, Marsa bil-ħsieb li jagħmlu delitt ta' serq minn fuq il-persuna ta' Kefali Kibreab Elias, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-ħin;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħat lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Kefali Kibreab Elias kontra l-volonta' tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew ikun mġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejġu;

5. fit-13 ta' Awwissu 2020, bejn 00:00hrs u 01:00hrs ta' filgħodu ġewwa Triq Belt il-Ħażna, Marsa mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġunaw offiża fil-ġisem ta' Kefali Kibreab Elias bi strument jaqta' jew iniggeż liema offiża hija ta' natura gravi hekk kif ċċertifikata minn Dr. Elaine Buttigieg detentriċi tan-numru mediku 4387;

6. fl-istess dati, ħinijiet, lok u cirkostanzi ġarrew 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tagħhom xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellhom liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta'

esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll Artikoli 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' tal-persuni ndikati hawn fuq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-15 ta' Settembru 2021, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 41(1)(a), 86, 87(1)(c)(e), 214, 216(1)(b), 217, 218(1)(b), 261(a)(f), 262(1)(a)(b), 270, 275, 277(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikoli 51(7) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imputat għal ħames snin u sitt xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' mija u sittax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47). Il-Qorti ħarġet Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta a favur tal-vittmi Keita Fako u Kefali Kibreab Elias għal żmien tliet snin, liema żmien kellu jibda jiddekorri wara li l-imputat jiskonta l-piena tiegħu. Il-Qorti kkundannat ukoll lill-imputat għall-ħlas tal-ispejjeż kollha konnessi mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-1 ta' Ottubru 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar u tannulla s-sentenza hawn ċitata u, għar-raġunijiet suesposti, tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena, jew alternattivament tħassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena billi tiġi imposta piena aktar ġusta u ekwa għall-każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Rat illi fis-16 ta' Diċembru 2021 il-konsulent legali tal-appellant ippreżentat Nota quddiem din il-Qorti diversament preseduta fejn fiha nfurmat lill-imsemmija Qorti li kienet qed tirrimetti ruħha.

Semgħet, fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2023, lill-avukat mill-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali jiddikjara li ma kellu xejn aktar xi jżid mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi jibda billi jingħad illi l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti kienu oriġinarjament bdew fil-konfront tal-appellant u kif ukoll kontra ċertu Mahmud Isara (magħruf bħala Issak). Jingħad ukoll li fis-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fid-9 ta' Diċembru 2020 (*a fol.* 143 *et seq.*) Mahmud Isara rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu u fl-istess seduta, in vista tal-ammissjoni ta' Isara, il-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-ġudizzju, liema talba ġiet milqugħa u filwaqt li l-kawża fil-konfront ta' Isara ġiet differita għas-sentenza, il-kawża kompliet tinstema' fil-konfront tal-appellant allura imputat Mohammed Tajeb Adam li eventwalment instabet ħtija fih mill-Ewwel Qorti kif imsemmi aktar 'il fuq. Din is-sentenza tallum ta' din il-Qorti tirrigwarda l-appell tal-appellant Mohammed Tajeb Adam in segwitu tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti.

**Ikkunsidrat**

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> tal-appellant huwa dwar l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti għaliex skont hu dan l-apprezzament sar ħażin. Jisħaq li għandu jsir eżerċizzju jekk l-Ewwel Qorti setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-

konklużjonijiet li waslet għaliha. Jgħid li jirriżultaw diskrepanzi lampanti fix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni. Jgħid ukoll li l-oġġetti nstabu fuq il-persuna tal-ko-akkużat l-ieħor u ma nstabux fuq il-persuna tiegħu (tal-appellant). Jgħid li minbarra hekk, it-tieni vittma ndika lill-ko-akkużat l-ieħor, Mahmud Isara u mhux lilu (l-appellant) bħala l-persuna li użat is-sikkina. Jgħid li dan Isara ddepona fil-5 ta' Frar 2021 quddiem l-Ewwel Qorti u xehed li hu ma jafx ta' min kienet is-sikkina u qatt ma ndika li s-sikkina kienet proprju tiegħu (tal-appellant). Jgħid li quddiem l-Għassa tal-Pulizija tal-Marsa kien proprju l-appellant li rema s-sikkina minn fuq il-persuna tiegħu u meta ddepona quddiem l-Ewwel Qorti huwa ta r-raġuni għalxiex għamel hekk. Jgħid li l-ko-akkużat Isara kien uża s-sikkina fuq iż-żewġ vittmi u li hu stess (l-appellant) kien misruq mill-*mobile* u ried imur jirrapporta l-Għassa tal-Pulizija u f'dak il-mument hu (l-appellant) rema s-sikkina. Jistaqsi: li kieku hu kien għadu kif attakka lil żewġ persuni, kien ser imur proprju quddiem l-Għassa tal-Pulizija?

Illi din il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

Illi din il-Qorti eżaminat mill-ġdid il-provi kollha bir-reqqa u jirriżultalha li m'hemmx dubju li l-appellant kien wieħed miż-

żewġ attakkanti li waqqfu lil Keita Fako kif ukoll lil Kefali Kibreab Elias sabiex jisirquhom. Il-Qorti mhijiex issib attendibbli l-verżjoni tal-appellant li hu kien żamm lura meta ż-żewġ vittmi għarfu kemm lilu kif ukoll lill-persuna l-oħra bħala l-aggressuri. Fid-depożizzjoni mogħtija minnu Kefali Kibreab Elias xehed li ż-zewġ aggressuri kellhom sikkina waħda u bdew iqassmuha lil xulxin waqt l-akkadut (*a fol.* 45).

Illi jirriżulta li l-Uffiċjal tal-Pulizija ra lill-appellant jarmi s-sikkina mal-art u minn naħa tiegħu l-appellant jgħid li s-sikkina kienet tal-persuna l-oħra u li kien remiha għaliex meta sab ruħu dieħel l-Għassa tal-Pulizija huwa ħassu eċitat li l-Pulizija kienu ser isibulu s-sikkina fuqu. Fid-depożizzjoni ta' Kefali Kibreab Elias hemm hekk (*a fol.* 41):

> Kefali Kibreab Elias:
> *"It-tnejn li huma attakkawni, wieħed minnhom poġġa s-sikkina ma' għonqi".*
>
> Prosekuzzjoni:
> *"Meta tgħid it-tnejn li huma għal min qed tirreferi?"*
>
> Kefali Kibreab Elias:
> *"It-tnejn li huma għamluli s-sikkina ma' għonqi."*

Aktar tard fid-depożizzjoni ta' Kefali Kibreab Elias hemm is-segwenti (*a fol.* 43 *et seq.*):

> Qorti:
> *"What else happened? Who did it what happened to your face?"*
>
> Interpretu ta' Kefali Kibreab Elias:
> *"Tal-ġlekk l-abjad."*
>
> Qorti:
> *"Are you sure that it was the one with the white jacket?"*

Interpretu ta' Kefali Kibreab Elias:
*"Yes, but he tried too with the knife. I have scars."*

Qorti:
*"The one, what do you mean?"*

Interpretu ta' Kefali Kibreab Elias:
*"Tal-ġlekk l-iswed tah id-daqqiet."*

Qorti:
*"Ix-xhud qed jgħid ukoll li l-persuna li liebsa l-ġlekk skur tagħtu daqqiet fuq il-pala ta' idejh. Għall-kjarifika l-Qorti qegħda tirrileva li l-persuna liebsa l-ġlekk skur hija l-persuna li għandha xagħra twil bin-nokkli identifikat bħala Mohammed Tajeb Adam, filwaqt li l-persuna li liebsa l-ġlekk l-abjad hija b'xagħra qasir identifikat bħala Mahmud Isara magħruf Issak."*

[...]

Prosekuzzjoni:
*"Xi ħadd minnhom ġie fuqek u attakkak?"*

Interpretu ta' Kefali Kibreab Elias:
*"Iva"*

Prosekuzzjoni:
*"Liema wieħed ġie l-ewwel?"*

Interpretu ta' Kefali Kibreab Elias:
*"It-tnejn li huma."*

Prosekuzzjoni:
*"Jiġifieri t-tnejn ġew f'daqqa?"*

Interpretu ta' Kefali Kibreab Elias:
*"Iva."*

Qorti:
*"At the same time?"*

Interpretu ta' Kefali Kibreab Elias:
*"F'daqqa."*

Prosekuzzjoni:
*"Imbagħad x'ġara minn hemm 'il quddiem?"*

Interpretu ta' Kefali Kibreab Elias:
*"Daħal fil-ħanut, in-nies li kien hemm fil-ħanut kienu jafuhom lill-imputati. Dak il-ħin hu kien irrabjat ħafna u anke pprova jirreżistihom. Dak il-ħin fil-bar kienu madwar seba' persuni, ippruvaw anke jduru kontrihom. Tal-ġlekk l-iswed b'xagħru twila ġie b'sikkina u ħarbu minnu. [...]*

[...]

Prosekuzzjoni:
*"L-affarjiet li ħadulek minn fuqek min ħadhomlok minnhom it-tnejn?"*

Interpretu ta' Kefali Kibreab Elias:
*"Il-persuna li liebsa l-ġlekk l-abjad li ħaditlu l-affarijiet."*

Prosekuzzjoni:
*"Mela l-involviment tal-persuna l-oħra x'kien?"*

Interpretu ta' Kefali Kibreab Elias:
*"Poġġa s-sikkina m'għonqu u qed jgħid li għandu s-sinjali li qegħdin hawn taħt, daqshekk."*

Prosekuzzjoni:
*"Li għamillek is-sikkina huwa l-persuna l-oħra."*

Interpretu ta' Kefali Kibreab Elias:
*"Iva."*

Illi minn dan kollu jirriżulta li l-appellant kellu s-sikkina f'idejh minkejja li huwa nnega li din kienet tiegħu. L-identifikazzjoni li saret f'din l-aħħar parti tas-silta t'hawn fuq hija ċara u s-sikkina baqgħet f'idejn l-appellant u remiha biss huwa u dieħel fl-Għassa tal-Pulizija. M'hemmx dubju li kien qed jieħu sehem ma' persuna oħra f'dak kollu li seħħ fil-lejl imsemmi u għalhekk kien żgur kompliċi.

Illi mix-xhieda jirriżulta li l-appellant ma għamel xejn biex iwaqqaf l-użu tas-sikkina. Anzi mhux talli hekk, talli skont il-vittma użaha wkoll.

Illi mid-depożizzjoni mogħtija minn Dr. Mario Scerri (*a fol.* 211 *et seq.*) m'hemmx dubju li l-offiża tista' tkun permanenti. Dan jirriżulta wkoll mir-rapport redatt minnu u li ġie mmarkat bħala Dok. "MS" (*a fol.* 214 *et seq.*).

Illi lanqas hemm dubju dwar is-serq u ż-żewġ aggravji tal-vjolenza u l-ħin, dwar l-arrest illegali ta' kull wieħed mill-vittmi u taż-żamma ta' arma mingħajr il-liċenzja. Għaldaqstant l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet ħtija fl-appellant tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu u b'hekk l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tieni aggravju</u> tal-appellant huwa li l-piena erogata fil-konfront tiegħu mill-Ewwel Qorti hija waħda eċċessiva tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ. Jisħaq li setgħet tiġi imposta piena ħafna aktar ekwa u ġusta. Huwa jagħmel riferenza għal numru ta' sentenzi li jittrattaw l-iskop tal-piena u li anke biddlu pieni f'oħrajn aktar miti. Jgħid li l-piena imposta mill-Ewwel Qorti għandha tiġi varjata.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha."

Illi din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant instab ħati mill-Ewwel Qorti liema sejbien ta' ħtija ġie konfermat minn din il-Qorti u rat ukoll il-pieni tagħhom, b'mod partikolari (pero'mhux limitatament) dik fir-rigward tal-ħames (5) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant. Wara li din il-Qorti għamlet dan l-eżerċizzju jirriżultalha li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti taqa' sewwasew fil-parametri tal-piena għall-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant instab ħati. Il-Qorti żżid tgħid li l-piena mposta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant kienet waħda legalment u raġonevolment valida, mhux "*manifestly excessive*" u tirrispekja l-imputazzjonijiet li tagħhom huwa nstab ħati. Il-Qorti hija tal-fehma li ma teżisti l-ebda raġuni li tista' twassalha sabiex titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena minnha magħmula, liema piena għalhekk għandha tibqa' invarjata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Mohammed Tajeb Adam u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |